MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 75/2014

**Joseph Zammit**

**Vs**

**Charles Dimech**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab lill-konvenut jigi kkundannat li previa kull dikjarazzjoni necessarja skond il-ligi, jhallas lill-attur s-somma ta’ erbat elef Euro (€4000) ammont rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ trakk bin-numru ta’ registrazzjoni XXL-360 lilu mibjugh u kkonsenjat, liema somma baqghet ma thallsitx kif miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju 2013, u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment, kif ukoll interessi legali kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni

Rat li fis-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2015, l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher jew li jipprezenta risposta.  Fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tas-26 ta’ Jannar, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ erbat elef Euro (€4000), bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju 2013, u tal-mandat ta’ sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kif ukoll bl-interessi legali kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------